

**MT**

**MT**

**MT**



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 15.6.2010  
KUMM(2010)310 finali

2010/0169 (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

ta' [...]

**dwar l-applikazzjoni obbligatorja tar-Regolamenti Nri 1, 3, 4, 6, 7, 8, 10, 11, 12, 13, 13 H, 14, 16, 17, 18, 19, 20, 21, 23, 25, 26, 28, 31, 34, 37, 38, 39, 43, 44, 46, 48, 55, 58, 61, 66, 67, 73, 77, 79, 80, 87, 89, 90, 91, 93, 94, 95, 97, 98, 99, 102, 105, 107, 110, 112, 116, 118, 121, 122, 123 u 125 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti għall-approvazzjoni tat-tip vetturi, tal-karrijiet u s-sistemi tagħhom, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati intiżi għalhekk**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

**dwar l-applikazzjoni obbligatorja tar-Regolamenti Nri 1, 3, 4, 6, 7, 8, 10, 11, 12, 13, 13 H, 14, 16, 17, 18, 19, 20, 21, 23, 25, 26, 28, 31, 34, 37, 38, 39, 43, 44, 46, 48, 55, 58, 61, 66, 67, 73, 77, 79, 80, 87, 89, 90, 91, 93, 94, 95, 97, 98, 99, 102, 105, 107, 110, 112, 116, 118, 121, 122, 123 u 125 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi, tal-karrijiet u s-sistemi tagħhom, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati intiżi għalhekk**

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-Komunità aderit mar-Regolamenti UNECE Nri 1, 3, 4, 6, 7, 8, 10, 11, 12, 13, 13 H, 14, 16, 17, 18, 19, 20, 21, 23, 25, 26, 28, 31, 34, 37, 38, 39, 43, 44, 46, 48, 55, 58, 61, 66, 67, 73, 77, 79, 80, 87, 89, 90, 91, 93, 94, 95, 97, 98, 99, 102, 105, 107, 110, 112, 116, 118, 121, 122, 123 u 125 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi, tal-karrijiet u s-sistemi tagħhom, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati intiżi għalhekk.

Id-Direttiva 2007/46/KE tipprovdi l-possibilità li tapplika r-Regolamenti UNECE għall-iskop tal-approvazzjoni tat-tip ta' vettura tal-KE fuq bażi obbligatorja.

Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 iħassar id-Direttivi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi bil-mutur, il-karrijiet tagħhom u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati intiżi għalhekk. Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dawk id-Direttivi għandhom jinbidlu, fejn hu xieraq, b'referenzi għar-Regolamenti korrispondenti tal-UNECE.

Huwa xeiraq li tinkorpora r-Regolamenti tal-UNECE Nri 1, 3, 4, 6, 7, 8, 10, 11, 12, 13, 13 H, 14, 16, 17, 18, 19, 20, 21, 23, 25, 26, 28, 31, 34, 37, 38, 39, 43, 44, 46, 48, 55, 58, 61, 66, 67, 73, 77, 79, 80, 87, 89, 90, 91, 93, 94, 95, 97, 98, 99, 102, 105, 107, 110, 112, 116, 118, 121, 122, 123 u 125 fis-sistema ta' approvazzjoni għall-vetturi bil-mutur u għalhekk u għalhekk biex jingħaqdu mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ fil-Komunità wara d-dati tal-implimentazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 661/2009.

Skont l-Artikolu 4 (2) tar-Regolament (KE) Nru 661/2009 l-approvazzjoni tat-tip skont ir-Regolamenti tal-UNECE li saru obbligatorji għandhom jitqiesu bħala approvazzjoni tat-tip tal-KE skont dak ir-Regolament u l-miżuri implimentattivi tiegħu.

### 2. KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI U STIMA TAL-IMPATT

Mhux applikabbli

### **3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA**

Approvazzjonijiet tat-tip maħruġin skont ir-Regolamenti tal-UNECE se jkunu kkunsidrati bħala approvazzjonijiet tat-tip tal-KE biex b'hekk tkun evitata d-duplikazzjoni mhux biss fir-rekwiżiti tekniċi iżda wkoll fil-proċeduri taċ-ċertifikazzjoni u l-amministrazzjoni għall-benefiċċju kemm tal-industrija kif ukoll tal-awtoritajiet nazzjonali. Barra minn hekk, l-approvazzjoni tat-tip li hija direttament ibbażata fuq standards maqbula internazzjonalment se jtejbu l-aċċess tas-suq ta' pajjiżi terzi, b'mod partikolari dawk li huma partijiet kontraenti għall-ftehim tal-1958 tal-UNECE u b'hekk tissaħħaħ l-kompetittività tal-industrija.

Il-bażi legali tal-proposta hu l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom.

### **4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA**

Il-proposta m'għandhiex implikazzjonijiet fuq il-baġit tal-UE.

### **5. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI**

L-att propost jikkonċerna kwistjoni taż-ŻEE u għalhekk għandu jkun estiż għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' [...]

**dwar l-applikazzjoni obbligatorja tar-Regolamenti Nri 1, 3, 4, 6, 7, 8, 10, 11, 12, 13, 13 H, 14, 16, 17, 18, 19, 20, 21, 23, 25, 26, 28, 31, 34, 37, 38, 39, 43, 44, 46, 48, 55, 58, 61, 66, 67, 73, 77, 79, 80, 87, 89, 90, 91, 93, 94, 95, 97, 98, 99, 102, 105, 107, 110, 112, 116, 118, 121, 122, 123 u 125 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti għall-approvazzjoni tat-tip vetturi, tal-karrijiet u s-sistemi tagħhom, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati intiżi għalhekk**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bil-ħsieb tal-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa ("UN/ECE") li tikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jkunu ffittjati ma' u/jew ikunu wżati ma' vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet reċiproċi tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("Ftehim Rivedut tal-1958")<sup>1</sup>.

Wara li kkunsidra d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi ("Direttiva Kwadru")<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 34 (2) tagħha,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom<sup>3</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea<sup>4</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew<sup>5</sup>,

Billi:

---

<sup>1</sup> ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78.

<sup>2</sup> ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1.

<sup>3</sup> ĠU L 200, 31.7.2009, p. 1.

<sup>4</sup> ĠU C , , p. .

<sup>5</sup> ĠU C , , p. .

- (1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE, il-Komunità aderit mar-Regolamenti tal-UNECE Nri 1, 3, 4, 6, 7, 8, 10, 11, 12, 13, 14, 16, 17, 18, 19, 20, 21, 23, 25, 26, 28, 31, 34, 37, 38, 39, 43, 44, 46, 48, 58, 66, 73, 77, 79, 80, 87, 89, 90, 91, 93, 97, 98, 99 u 102.
- (2) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/710/KE, il-Komunità aderit mar-Regolament 67 tal-UNECE<sup>6</sup>.
- (3) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/505/KE, il-Komunità aderit mar-Regolament 105 tal-UNECE<sup>7</sup>.
- (4) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/395/KE, il-Komunità aderit mar-Regolament 13 H tal-UNECE<sup>8</sup>.
- (5) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/614/KE, il-Komunità aderit mar-Regolamenti 94 u 95 tal-UNECE<sup>9</sup>.
- (6) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/364/KE, il-Komunità aderit mar-Regolament 123 tal-UNECE<sup>10</sup>.
- (7) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/444/KE, il-Komunità aderit mar-Regolament 55 tal-UNECE<sup>11</sup>.
- (8) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/874/KE, il-Komunità aderit mar-Regolament 107 tal-UNECE<sup>12</sup>.

---

<sup>6</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Novembru 2000 dwar l-adeżjoni mill-Komunità Ewropea għall-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Regolament Ewropew Nru 67 dwar l-approvazzjoni ta' tagħmir speċjali għall-vetturi bil-mutur li jaħdmu bil-gass likwifikat minn żejt mhux maħdum, ĠU L 290, 17.11.2000, p. 29.

<sup>7</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2001 dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mar-Regolament tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa Nru 105 tal-Ġnus Magħquda dwar l-approvazzjoni ta' vetturi maħsuba għat-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq mal-karatteristiċi speċifiċi tal-kostruzzjoni tagħhom, ĠU L 183, 6.7.2001, p. 33.

<sup>8</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2001 dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mar-Regolament Nru 13-H tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-approvazzjoni ta' komponent ta' karrozzji tal-passiġġieri fir-rigward tal-ibbrejtkjar tagħhom, ĠU L 139, 23.5.2001, p. 14.

<sup>9</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2005 dwar l-adeżjoni tal-Komunità mar-Regolament Nru 94 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-approvazzjoni ta' vetturi għal dak li hu l-ħarsien tal-okkupanti fil-każ ta' ħabta minn quddiem u r-Regolament Nru 95 dwar dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-approvazzjoni ta' vetturi għal dak li hu l-ħarsien tal-okkupanti fil-każ ta' ħabta mill-ġenb, ĠU L 217, 22.8.2005, p. 1.

<sup>10</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2006 dwar il-pożizzjoni tal-Komunità Ewropea f'dak li għandu x'jaqsam mal-abbozz tar-Regolament tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa fir-rigward tal-approvazzjoni ta' sistemi adattivi tad-dawl ta' quddiem (AFS) għall-vetturi bil-magna, ĠU L 135, 23.5.2006, 12.

<sup>11</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2006 dwar l-adeżjoni tal-Komunità għar-Regolament Nru 55 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar dispożizzjonijiet dwar l-approvazzjoni ta' komponenti ta' igganċjar mekkaniċi ta' taħlit ta' vetturi, ĠU L 181, 4.7.2006, p. 53.

<sup>12</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2006 dwar l-adeżjoni tal-Komunità mar-Regolament Nru 107 tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa dwar dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategoriji M2 jew M3 fir-rigward tal-kostruzzjoni ġenerali tagħhom, ĠU L 337, 5.12.2006, p. 45.

- (9) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/159/KE, il-Komunità aderit mar-Regolament 125 tal-UNECE<sup>13</sup>.
- (10) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/433/KE, il-Komunità aderit mar-Regolament 61 tal-UNECE<sup>14</sup>.
- (11) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2000, il-Komunità aderit mar-Regolament 110 tal-UNECE.
- (12) Bid-Deċiżjoni tas-7 ta' Novembru 2000, il-Komunità aderit mar-Regolament 112 tal-UNECE.
- (13) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004, il-Komunità aderit mar-Regolament 116 tal-UNECE.
- (14) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004, il-Komunità aderit mar-Regolament 118 tal-UNECE.
- (15) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2005, il-Komunità aderit mar-Regolament 121 tal-UNECE.
- (16) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2005, il-Komunità aderit mar-Regolament 122 tal-UNECE.
- (17) Id-Direttiva 2007/46/KE tipprova li tapplika r-Regolamenti tal-UNECE għall-iskop tal-approvazzjoni tat-tip ta' vettura tal-KE fuq bażi obligatorja.
- (18) Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 jħassar id-Direttivi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom. Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dawk id-Direttivi għandhom jinbidlu, fejn hu xieraq, b'referenzi għar-Regolamenti korrispondenti tal-UNECE.
- (19) Huwa xieraq li tinkorpora r-Regolamenti tal-UNECE Nri 11, 3, 4, 6, 7, 8, 10, 11, 12, 13, 13 H, 14, 16, 17, 18, 19, 20, 21, 23, 25, 26, 28, 31, 34, 37, 38, 39, 43, 44, 46, 48, 55, 58, 61, 66, 67, 73, 77, 79, 80, 87, 89, 90, 91, 93, 94, 95, 97, 98, 99, 102, 105, 107, 110, 112, 116, 118, 121, 122, 123 u 125 fis-sistema ta' approvazzjoni għall-vetturi bil-mutur u għalhekk biex jiżdidu mal-leġislażzjoni fis-seħħ fil-Komunità wara d-dati tal-implimentazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 661/2009.
- (20) Skont l-Artikolu 4 (2) tar-Regolament (KE) Nru 661/2009 l-approvazzjoni tat-tip skont ir-Regolamenti tal-UNECE li sar obligatorji għandha titqies bħala approvazzjoni tat-tip tal-KE skont dak ir-Regolament u l-miżuri implimentattivi tiegħu.

---

<sup>13</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 2007 dwar il-pożizzjoni tal-Komunità rigward l-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa dwar l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-kamp viżiv 'il quddiem tas-sewwieq tal-vettura, ĠU L 69, 9.3.2007, p. 37.

<sup>14</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Mejju 2009 dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mar-Regolament Nru 61 tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa dwar dispożizzjonijiet uniformi għall-approvazzjoni ta' vetturi kummerċjali fir-rigward tal-isporġenji esterni tagħhom 'il quddiem mill-pannell posterjuri tal-kabina, ĠU L 144, 9.6.2009, p. 24.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. B'effett mill-1 ta' Novembru 2012, ir-Regolamenti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti elenkati fl-Anness I għandhom ikunu applikati fuq bażi obbligatorja għall-iskop tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE tat-tipi l-ġodda, il-karrijiet u s-sistemi tagħhom, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati intiżi għalihom.
2. B'effett mill-1 ta' Novembru 2014, ir-Regolamenti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti elenkati fl-Anness I għandhom ikunu applikati fuq bażi obbligatorja għall-iskop tar-reġistrazzjoni, il-bejgħ u d-dħul fis-servizz tal-vetturi l-ġodda u l-karrijiet tagħhom u l-bejgħ u d-dħul fis-servizz tas-sistemi l-ġodda, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati intiżi għalihom.
3. B'effett mill-1 ta' Novembru 2011, ir-Regolament 13 H, is-suppliment 9 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti<sup>15</sup>, inklużi r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness 9 tiegħu, għandu japplika fuq bażi obbligatorja għall-iskop tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE tat-tipi l-ġodda tal-vetturi tal-kategoriji M<sub>1</sub>.
4. B'effett mill-1 ta' Novembru 2011, ir-Regolament 13 H, is-suppliment 9 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti, inklużi r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness 9 tiegħu, għandu japplika fuq bażi obbligatorja għall-iskop tar-reġistrazzjoni, il-bejgħ u d-dħul fis-servizz tal-vetturi l-ġodda tal-kategoriji M<sub>1</sub>.
5. B'effett mill-1 ta' Novembru 2011, ir-Regolament 13, is-suppliment 3 tas-serje tal-emendi 11<sup>16</sup>, inklużi r-rekwiżiti dwar il-funzjoni kontra l-qlib u l-kontroll direttiv stabbiliti fl-Anness 21 tiegħu, jew ir-Regolament 13 H, is-suppliment 9 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti, inklużi r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness 9, għandu japplika fuq bażi obbligatorja għall-iskop tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE tat-tipi l-ġodda tal-vetturi tal-kategoriji N<sub>1</sub>.
6. B'effett mill-1 ta' Novembru 2014, ir-Regolament 13, is-suppliment 3 tas-serje tal-emendi 11, inklużi r-rekwiżiti dwar il-funzjoni kontra l-qlib u l-kontroll direttiv stabbiliti fl-Anness 21 tiegħu, jew ir-Regolament 13 H, is-suppliment 9 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti, inklużi r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness 9, għandu japplika fuq bażi obbligatorja għall-iskop tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE tat-tipi l-ġodda tal-vetturi tal-kategoriji N<sub>1</sub>.
7. Wara d-dati tal-implimentazzjoni stabbiliti fit-Tabella 1 tal-Anness V tar-Regolament 661/2009, ir-Regolament 13, is-suppliment 3 tas-serje tal-emendi 11 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti għandu japplika fuq bażi obbligatorja għall-iskop tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE tat-tipi l-ġodda tal-vetturi tal-kategoriji M<sub>2</sub>, M<sub>3</sub>, N<sub>2</sub>, N<sub>3</sub>, O<sub>3</sub> u O<sub>4</sub> minħabba li għandu x'jaqsmu mas-sistemi tal-kontroll tal-istabbiltà elettronika tagħhom.

---

<sup>15</sup> ĠU L

<sup>16</sup> ĠU L

8. Wara d-dati tal-implimentazzjoni stabbiliti fit-Tabella 2 tal-Anness V tar-Regolament 661/2009, ir-Regolament 13, is-suppliment 3 tas-serje tal-emendi 11 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti għandu japplika fuq bażi obligatorja għall-iskop tar-reġistrazzjoni, il-bejgħ u d-dħul fis-servizz tal-vetturi l-ġodda tal-kategoriji M<sub>2</sub>, M<sub>3</sub>, N<sub>2</sub>, N<sub>3</sub>, O<sub>3</sub> u O<sub>4</sub> minħabba li għandu x'jaqsmu mas-sistemi tal-kontroll tal-istabbiltà elettronika tagħhom.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*

## ANNEX I

### *Lista ta' Regolamenti tal-UNECE li l-applikazzjoni tagħhom hija obligatorja*

L-Artikolu 1 paragrafi 1 u 2 ta' din id-Deċiżjoni huma mingħajr ħsara għad-dati tal-applikazzjoni sabbliti fir-Regolamenti UNECE. Il-lista t'hawn taħt fiha referenzi tal-aħħar emendi tar-Regolamenti tal-UNECE Meta dawn l-emendi jistabbilixxu dati tal-implimentazzjoni aktar tard minn dawk sabbliti fil-Paragrafi 1 u 2, il-verżjonijiet preċedenti ta' dawn ir-Regolamenti tal-UNECE għandhom japplikaw fil-perjodu tranżitorju bejn id-dati sabbliti fil-Paragrafi 1 u 2 u d-dati tal-implimentazzjoni u d-dati tal-implimentazzjoni sabbliti fir-Regolamenti tal-UNECE.

<b>In-Numru tar-Regolament</b>	<b>Suġġett</b>	<b>L-aħħar emenda mill-UNECE</b>	<b>Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-aħħar emenda</b>	<b>Ir-referenza tal-ĠU</b>
<b>1</b>	Fanali ta' quddiem li jitfgħu raġġ għaddieni asimetriku u/jew raġġ tas-sewqan mgħammar b'bozoz bil-filament R2 u/jew HS1	Serje ta' emendi 02	08.09.2001	
<b>3</b>	Mezzi ta' retrorifletturi għal vetturi li jaħdmu bl-enerġija	Is-Suppliment 11 mas-serje ta' emendi 02	24.10.2009	
<b>4</b>	Illuminazzjoni tal-pjanċi tar-reġistrazzjoni ta' wara tal-vetturi misjuqa bl-enerġija u l-karrijiet tagħhom	Is-Suppliment 14 mal-verzjoni oriġinali tar-Regolament	15.10.2008	ĠU L 31, 31.01.2009, p. 35
<b>6</b>	Indikaturi tad-direzzjoni għal vetturi misjuqa bl-enerġija u l-karrijiet tagħhom	Is-Suppliment 19 mas-serje ta' emendi 01	19.08.2010	
<b>7</b>	Il-fanali ta' pożizzjoni ta' quddiem (tal-ġenb), il-fanali ta' pożizzjoni ta' wara (tal-ġenb), il-fanali tal-waqfien, il-fanali li jimmarkaw ix-xifer ta' barra tal-vetturi misjuqa bl-enerġija u l-karrijiet tagħhom.	Is-Suppliment 16 mas-serje ta' emendi 02	19.08.2010	

<b>In-Numru tar-Regolament</b>	<b>Suġġett</b>	<b>L-aħħar emenda mill-UNECE</b>	<b>Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-aħħar emenda</b>	<b>Ir-referenza tal-ĠU</b>
<b>8</b>	Fanali ta' quddiem tal-vetturi bil-mutur (H1, H2, H3, HB3, HB4, H7, H8, H9, HIR1, HIR2 u/jew H11)	Serje ta' emendi 05 Ir-Rettifika 1 fir-Reviżjoni 4,	08.09.2001 12.03.2003	
<b>10</b>	Il-kompatibilità elettromanjetika	Serje ta' emendi 03	11.07.2008	ĠU L 116, 08.05.2010, p. 1
<b>11</b>	Lukketti tal-bibien u komponenti ta' ritenzjoni tal-bibien	Is-Suppliment 2 mas-serje ta' emendi 03	17.03.2010	ĠU L 120, 13.05.2010, p. 1
<b>12</b>	Protezzjoni tas-sewwieq kontra l-mekkaniżmu tal-istering fl-eventwalità ta' impatt	Is-Suppliment 3 mas-serje ta' emendi 03 Ir-Rettifika 3 fir-Reviżjoni 3,	23.03.2000	ĠU L 165, 26.06.2008, p. 11
<b>13</b>	L-ibbrejkjar fuq vetturi tal-kategoriji M, N u O	Is-Suppliment 5 mas-serje ta' emendi 10	15.10.2008	
<b>13-H</b>	L-ibbrejkjar tal-karozzi tal-passiġġieri	Is-Suppliment 9 mal-verżjoni oriġinali tar-Regolament	17.03.2010	
<b>14</b>	Ankraġġi taċ-ċinturini tas-sigurtà - sistemi ta' ankraġġi ISOFIX u ankraġġi top tether ISOFIX	Is-Suppliment 1 mas-serje ta' emendi 07	19.08.2010	
<b>16</b>	Ċinturini tas-sigurtà, sistemi ta' trażżin, sistemi ta' trażżin tat-tfal u sistemi tat-trażżin tat-tfal tat-tip ISOFIX	Serje ta' emendi 06 Ir-Rettifika 1 fir-Reviżjoni 6,	22.07.2009	
<b>17</b>	Sedili, ankraġġi tagħhom u kwalunkwe trażżin tar-ras	Serje ta' emendi 08	22.07.2009	

<b>In-Numru tar-Regolament</b>	<b>Suġġett</b>	<b>L-aħħar emenda mill-UNECE</b>	<b>Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-aħħar emenda</b>	<b>Ir-referenza tal-ĠU</b>
<b>18</b>	Protezzjoni tal-vetturi bil-mutur kontra użu mhux awtorizzat	Is-Suppliment 2 mas-serje ta' emendi 03	15.10.2008	ĠU L 120, 13.05.2010, p. 29
<b>19</b>	Il-fanali taç-ċpar ta' quddiem tal-vetturi misjuqa bl-enerġija	Is-Suppliment 2 mas-serje ta' emendi 03	19.08.2010	
<b>20</b>	Fanali ta' quddiem li jitfgħu raġġ asimetriku għaddieni jew raġġ tas-sewqan jew it-tnejn mgħammar b'bozoz tal-halogen (H4)	Serje ta' emendi 03	09.09.2001	
<b>21</b>	Aċċessorji ta' ġewwa	Is-Suppliment 3 mas-serje ta' emendi 01	31.01.2003	ĠU L 188, 16.07.2008, p. 32
<b>23</b>	Dwal tar-rivers għall-vetturi li jaħdmu bl-enerġija u l-karrijiet tagħhom	Is-Suppliment 15 mal-verżjoni oriġinali tar-Regolament	15.10.2008	
<b>25</b>	Trażżin tar-ras (headrests) sew jekk inkorporat fis-sedili tal-vettura u anki jekk le	Serje ta' emendi 04 Ir-Rettifika 1 mar-Reviżjoni 4,	15.01.1997 12.11.2008	
<b>26</b>	Partijiet esterni li jisporġu 'l barra	Is-Suppliment 1 mas-serje ta' emendi 03	11.06.2007	
<b>28</b>	Tagħmir u sinjali ta' twissija li jinSTEMGħu	Is-Suppliment 3 mal-verżjoni oriġinali tar-Regolament	28.12.2000	

<b>In-Numru tar-Regolament</b>	<b>Suġġett</b>	<b>L-aħħar emenda mill-UNECE</b>	<b>Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-aħħar emenda</b>	<b>Ir-referenza tal-ĠU</b>
<b>31</b>	Fanali ta' quddiem ta' dawl issiġġillat ta' vetturi li jaħdmu bl-enerġija (SB) li jitfgħu raġġ għaddieni asimetriku Ewropew jew raġġ tas-sewqan jew it-tnejn	Is-Suppliment 7 mas-serje ta' emendi 02	15.10.2008	
<b>34</b>	Prevenzjoni tar-riskji min-nirien	Is-Suppliment 3 mas-serje ta' emendi 02	24.10.09	
<b>37</b>	Bozoz tal-filament għal użu f'unitajiet tal-fanali approvati għall-vetturi li jaħdmu bl-enerġija u l-karrijiet tagħhom	Is-Suppliment 34 mas-serje ta' emendi 03	19.08.2010	
<b>38</b>	Il-fanali taċ-ċpar ta' wara tal-vetturi li jaħdmu bl-enerġija u l-karrijiet tagħhom	Is-Suppliment 14 mal-verżjoni oriġinali tar-Regolament  Ir-Rettifika 1 fis-suppliment 12,	15.10.2008  10.03.2009	
<b>39</b>	Tagħmir tal-ispidometru inkluża l-installazzjoni tiegħu	Is-Suppliment 5 mal-verżjoni oriġinali tar-Regolament	07.12.2002	ĠU L 120, 13.05.2010, p. 40
<b>43</b>	Materjali tal-ħġieġ tas-sikurezza	Is-Suppliment 12 mal-verżjoni oriġinali tar-Regolament	24.10.2009	
<b>44</b>	Tagħmir tat-trażżin għall-passiġġieri tfal ta' vetturi li jaħdmu bl-enerġija ("sistema ta' trażżin tat-tfal")	Ir-Rettifika 3 fir-Reviżjoni 2,	11.11.2009	

<b>In-Numru tar-Regolament</b>	<b>Suġġett</b>	<b>L-aħħar emenda mill-UNECE</b>	<b>Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-aħħar emenda</b>	<b>Ir-referenza tal-ĠU</b>
<b>46</b>	Tagħmir għall-vista indiretta u l-installazzjoni tiegħu	Is-Suppliment 4 mas-serje ta' emendi 02  Rettifika 1 fis-Suppliment 4 tas-serje 02	22.07.2009  11.11.2009	
<b>48</b>	Installazzjoni ta' dwal u ta' tagħmir għas-sinjalar bid-dwal tal-vetturi bil-mutur	Is-Suppliment 4 mas-serje ta' emendi 10	19.08.2010	
<b>55</b>	Komponenti tal-igġanċjar mekkaniku ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi	Is-Suppliment 1 mas-serje ta' emendi 01	17.03.2010	
<b>58</b>	Tagħmir protettiv underrun (RUPDs) ta' wara u l-installazzjoni tiegħu, Protezzjoni tal-underrun ta' wara (RUP)	Serje ta' emendi 02	11.07.2008	ĠU L 232, 26.06.2008, p. 13
<b>61</b>	Vetturi kummerċjali fir-rigward tal-partijiet esterni tagħhom li jisporġu 'l barra quddiem il-panew ta' wara tal-kabina	Is-Suppliment 1 mal-verżjoni oriġinali tar-Regolament	10.10.2006	
<b>66</b>	Is-saħħa tas-soprastruttura ta' vetturi kbar tal-passiġġieri	Serje ta' emendi 02	19.08.2010	
<b>67</b>	Vetturi bil-mutur li jużaw LPG	Is-Suppliment 9 mas-serje ta' emendi 01	19.08.2010	
<b>73</b>	Protezzjoni laterali tal-oġġetti tal-vetturi	Is-Suppliment 1 mal-verżjoni oriġinali tar-Regolament	10.11.2007	ĠU L 120, 13.05.2010, p. 49

<b>In-Numru tar-Regolament</b>	<b>Suġġett</b>	<b>L-aħħar emenda mill-UNECE</b>	<b>Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-aħħar emenda</b>	<b>Ir-referenza tal-ĠU</b>
77	Bozoz tal-ipparkjar għall-vetturi li jnsaq bl-enerġija	Is-Suppliment 12 mal-verżjoni oriġinali tar-Regolament	15.10.2008	
79	Tagħmir għall-istering	Is-Suppliment 3 mas-serje ta' emendi 01	04.04.2005	ĠU L 137, 27.05.2008, p. 25
80	Sedili ta' vetturi kbwar tal-passiġġieri	Is-Suppliment 3 mas-serje ta' emendi 01  Rettifika 1 għas-serje ta' emendi 01	18.06.2007  12.11.2008	
87	Il-fanali li jinxteġhlu l-ħin kollu	Is-Suppliment 14 mal-verżjoni oriġinali tar-Regolament  Ir-Rettifika 1 fir-Reviżjoni 2,	24.10.2009  11.11.2009	
89	Il-limitazzjoni tal-veloċità tal-vetturi	Rettifika 1 tal-verżjoni oriġinali tar-Regolament	12.03.2008	
90	Assemblaġġ tal-linji tal-brejk tat-tibdil u linji tal-brejk tad-drum għall-vetturi li jaħdmu bl-enerġija u l-karrijiet tagħhom	Is-Suppliment 11 mas-serje ta' emendi 01	24.10.2009	
91	Il-fanali li jimmarkaw il-ġnub għall-vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom	Is-Suppliment 11 mal-verżjoni oriġinali tar-Regolament	15.10.2008	

<b>In-Numru tar-Regolament</b>	<b>Suġġett</b>	<b>L-aħħar emenda mill-UNECE</b>	<b>Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-aħħar emenda</b>	<b>Ir-referenza tal-ĠU</b>
<b>93</b>	Tagħmir ta' protezzjoni tal-underrun ta' quddiem (FUPDs) u l-installazzjoni tiegħu, protezzjoni tal-underrun ta' quddiem (FUP)	Il-verżjoni oriġinali tar-Regolament	27.02.1994	
<b>94</b>	Protezzjoni tal-passiġġieri f'każ ta' ħabta frontali	Is-Suppliment 3 mas-serje ta' emendi 01  Rettifika 2 għas-serje 01 ta' emendi,  Ir-Rettifika 1 fir-Reviżjoni 1,	02.02.2007  14.11.2007  24.06.2009	
<b>95</b>	Protezzjoni tal-passiġġieri f'każ ta' ħabta laterali	Is-Suppliment 1 mas-serje ta' emendi 02  Rettifika 1 fis-Suppliment 1 tas-serje 02	12.08.2004  14.11.2007	ĠU L 313, 30.11.2008, p. 1
<b>97</b>	Sistemi ta' Allarm tal-Vettura (VAS)	Is-Suppliment 5 mas-serje ta' emendi 01	18.06.2007	ĠU L 351, 30.12.2008, p. 1
<b>98</b>	Fanali ta' quddiem ta' vetturi bil-mutur b'fontijiet ta' dawl bi skarikar tal-gass	Is-Suppliment 13 mal-verżjoni oriġinali tar-Regolament	19.08.2010	
<b>99</b>	Fontijiet ta' dawl bi skarikar tal-gass għall-użu f'unitajiet ta' fanali bi skarikar ta' gass approvati għal vetturi li jaħdmu bl-enerġija	Is-Suppliment 5 mal-verżjoni oriġinali tar-Regolament	19.08.2010	
<b>102</b>	Tagħmir ta' gganċjar mill-qrib (CCD); l-iffittjar ta' tip approvat ta' CCD	Il-verżjoni oriġinali tar-Regolament	13.12.1996	ĠU L 351, 30.12.2008, p. 44

<b>In-Numru tar-Regolament</b>	<b>Suġġett</b>	<b>L-aħħar emenda mill-UNECE</b>	<b>Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-aħħar emenda</b>	<b>Ir-referenza tal-ĠU</b>
<b>105</b>	Vetturi għat-trasport ta' oġġetti perikolużi	Is-Suppliment 1 mas-serje ta' emendi 10	22.07.2009	
<b>107</b>	Il-vetturi M2 u M3:	Serje ta' emendi 03	19.08.2010	
<b>110</b>	Komponenti speċifiċi għas-CNG	Is-Suppliment 9 mal-verżjoni oriġinali tar-Regolament	19.08.2010	
<b>112</b>	Il-fanali ta' quddiem ta' vetturi bil-mutur li jittgħu raġġ għaddieni assimetriku jew raġġ tas-sewqan jew it-tnejn u mgħammrin b'bozoz tal-filament u/jew moduli tal-LED	Is-Suppliment 12 mal-verżjoni oriġinali tar-Regolament	19.08.2010	
<b>116</b>	Protezzjoni tal-vetturi bil-mutur kontra użu mhux awtorizzat	Is-Suppliment 2 mal-verżjoni oriġinali tar-Regolament	15.10.2008	
<b>118</b>	X'jiġri waqt il-ħruq ta' materjali użati fil-konstruzzjoni ta' ġewwa ta' ċerti kategoriji ta' vetturi bil-mutur.	Il-verżjoni oriġinali tar-Regolament	06.04.2005	
<b>121</b>	Lokalizzazzjoni u identifikazzjoni tal-kontrolli manwali, sinjalaturi u indikaturi	Is-Suppliment 3 mal-verżjoni oriġinali tar-Regolament  Ir-Rettifika 1 fis-Suppliment 1,  Rettifika 5 tal-verżjoni oriġinali tar-Regolament	24.10.2009  11.11.2009  11.11.2009	

<b>In-Numru tar-Regolament</b>	<b>Suġġett</b>	<b>L-aħħar emenda mill-UNECE</b>	<b>Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-aħħar emenda</b>	<b>Ir-referenza tal-ĠU</b>
<b>122</b>	Sistema ta' tiżhin tal-vettur tal-kategoriji M, N u O	Is-Suppliment 1 mal-verżjoni oriġinali tar-Regolament	22.07.2009	
<b>123</b>	Sistemi adattivi tad-dawl ta' quddiem (AFS) għal vetturi bil-mutur	Is-Suppliment 4 mal-verżjoni oriġinali tar-Regolament	19.08.2010	
<b>125</b>	Kamp viżiv min-naħa ta' quddiem	Is-Suppliment 2 mal-verżjoni oriġinali tar-Regolament	19.08.2010	